A.L. 281 ta' l-2002

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME* (KAP. 123)

Ordni ta' l-2002 dwar Ħelsien minn Taxxa Doppja (Taxxi fuq l-*Income*) (Malasja)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 76 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Ministru tal-Finanzi għamel l-ordni li ġej:

Titolu

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu Ordni ta' l-2002 dwar Ħelsien minn Taxxa Doppja (Taxxi fuq l-*Income*) (Malasja).

Arranġamenti jkollhom effett.

2. B'dan qiegħed jiġi dikjarat -

(a) illi l-arranġamenti speċifikati fil-Ftehim muri fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-ordni saru mal-Malasja sabiex jagħtu ħelsien minn taxxa doppja dwar it-taxxi li ġejjin imposti bil-liġijiet tal-Malasja:

(i) it-taxxa fuq l-*income*;

(ii) it-taxxa fuq l-*income* supplimentari, jiġifieri, t-taxxa fuq l-iżvilupp; u

(iii) it-taxxa fuq l-*income* mill-petroleum;

(b) illi huwa spedjenti li dawk l-arranġamenti għandu jkollhom effett;

(ċ) illi l-Ftehim beda jseħħ fl-1 ta' Settembru, 2000.

SKEDA

FTEHIM BEJN MALTA U L-MALASJA DWAR ĦELSIEN MINN TAXXA DOPPJA

Malta u l-Malasja, billi jixtiequ jagħmlu Ftehim dwar Ħelsien minn Taxxa Doppja, ftehmu kif ġej:

Artiklu 1

GĦAN PERSONALI

Dan il-Ftehim għandu japplika għal persuni li jkunu residenti fi Stat Kontraenti wieħed jew fit-tnejn li huma.

Artiklu 2

TAXXI KOPERTI

1. Dan il-Ftehim għandu japplika għal taxxi fuq l-*income* imposti minn Stat Kontraenti, irrispettivament mill-mod kif dawn jinġabru.

2. It-taxxi eżistenti li huma soġġetti għal dan il-Ftehim huma:

(a) fil-Malasja:

(i) it-taxxa fuq l-*income*;

(ii) it-taxxa fuq l-*income* supplimentari, jiġifieri, t-taxxa fuq l-iżvilupp; u

(iii) it-taxxa fuq l-*income* mill-petroleum;

(hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "it-taxxa tal-Malasja");

(b) f'Malta:

it-taxxa fuq l-*income*;

(hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "it-taxxa ta' Malta").

3. Minkejja d-disposizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Artiklu, dan il-Ftehim ma għandux japplika għal taxxa li tkun tħallset jew li titħallas f'Malta bir-rata li hemm provdut dwarha fis-subartikolu (13) ta' l-artikolu 56 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* (Kap. 123).

4. Il-Ftehim għandu japplika wkoll għal kull taxxa fuq l-*income* identika jew sostanzjalment simili li tiġi imposta wara d-data meta jiġi ffirmat dan il-Ftehim b'żieda ma', jew minflok, it-taxxi eżistenti. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Kontraenti għandhom jgħarrfu lil xulxin b'kull tibdil importanti li jkun sar fil-liġijiet rispettivi tagħhom dwar it-taxxa.

Artiklu 3

TIFSIRIET ĠENERALI

1. F'dan il-Ftehim, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

(a) il-frażi "Malasja" tfisser it-territorji tal-Federazzjoni tal-Malasja, l-ibħra territorjali tal-Malasja u qiegħ il-baħar u s-sottoswol ta' l-ibħra territorjali, u tinkludi kull area li testendi lil hinn mil-limiti ta' l-ibħra territorjali tal-Malasja, u qiegħ il-baħar u s-sottoswol ta' kull area bħal dik, li ġew jew li jistgħu jiġu msemmija minn issa 'l quddiem taħt il-liġijiet tal-Malasja u skond id-dritt internazzjonali bħala area li fuqha l-Malasja għandha drittijiet sovrani għall-finijiet ta' l-esplorazzjoni għal, u l-esplojtazzjoni tar-riżorsi naturali, kemm dawk li jgħixu kemm dawk li ma jgħixux;

(b) il-frażi "Malta" meta użata f'sens ġeografiku, tfisser il-Gżira ta' Malta, il-Gżira ta' Għawdex u l-gżejjer l-oħra ta' l-arċipelagu Malti inklużi l-ibħra territorjali tagħhom, u kull area 'l barra mill-baħar territorjali ta' Malta skond il-liġi internazzjonali li ġiet jew tista' minn issa 'l quddiem tiġi msemmija, taħt il-liġi ta' Malta li tirrigwarda l-Blata Kontinentali, bħala area li ġewwa fiha d-drittijiet ta' Malta għar-rigward ta' qiegħ il-baħar u s-sottoswol u r-riżorsi naturali tagħhom jistgħu jiġu eżerċitati;

(ċ) il-frażijiet "Stat Kontraenti" u "l-Istat Kontraenti l-ieħor" ifissru il-Malasja jew Malta, skond ir-rabta tal-kliem;

(d) il-frażi "persuna" tinkludi individwu, kumpannija u kull korp ta' persuni ttrattati bħala persuna għall-finijiet ta' taxxa;

(e) il-frażi "kumpannija" tfisser korp magħqud jew enti li jkunu trattati bħala korp magħqud għall-iskopijiet ta' taxxa;

(f) il-frażi "impriża ta' Stat Kontraenti" u "impriża ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor" ifissru rispettivament impriża ġestita minn residentii ta' Stat Kontraenti u impriża ġestita minn residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor;

(ġ) il-frażi "taxxa" tfisser it-taxxa tal-Malasja jew it-taxxa ta' Malta, skond ir-rabta tal-kliem;

(ħ) il-frażi "ċittadin" tfisser:

(i) individwu li jkollu ċ-ċittadinanza ta' Stat Kontraenti;

(ii) persuna legali, soċjetà, assoċjazzjoni u kull entità oħra li tikseb l-istatus tagħha bħala tali mil-liġijiet li jkunu jseħħu fi Stat Kontraenti;

(i) il-frażi "traffiku internazzjonali" tfisser trasport li jsir b'bastiment jew inġenji ta' l-ajru mħaddma minn impriża ta' Stat Kontraenti, ħlief meta l-bastiment jew l-inġenji ta' l-ajru jiġu unikament imħaddma bejn postijiet fl-Istat Kontraenti l-ieħor;

(j) il-frażi "awtorità kompetenti" tfisser:

(i) fil-każ tal-Malasja, il-Ministru tal-Finanzi jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu; u

(ii) fil-każ ta' Malta, il-Ministru responsabbli għall-finanzi jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu.

2. Fl-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim minn Stat Kontraenti kull frażi li ma tkunx imfissra fih għandha, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra, ikollha t-tifsir kif mogħti lilha taħt il-liġijiet ta' dak l-Istat għall-finijiet tat-taxxi li dan il-Ftehim japplika għalihom.

Artiklu 4

RESIDENTI

1. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, il-frażi "residenti ta' Stat Kontraenti" tfisser:

(a) fil-każ tal-Malasja, persuna li tkun residenti fil-Malasja għall-finijiet tat-taxxa tal-Malasja; u

(b) fil-każ ta' Malta, persuna li tkun residenti f'Malta għall-finijiet tat-taxxa ta' Malta.

2. Meta minħabba d-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1 individwu jkun residenti taż-żewġ Stati Kontraenti, allura l-istatus tiegħu għandu jiġi stabbilit skond dawn ir-regoli li ġejjin:

(a) huwa għandu jitqies li jkun residenti unikament ta' l-Istat li fih ikollu dar permanenti għad-disposizzjoni tiegħu. Jekk huwa jkollu dar permanenti għad-disposizzjoni tiegħu fiż-żewġ Stati, huwa għandu jitqies li huwa residenti unikament ta' l-Istat li miegħu r-relazzjonijiet personali u ekonomiċi tiegħu ikunu l-aktar marbuta (ċentru ta' interessi vitali);

(b) jekk l-Istat li fih huwa jkollu ċ-ċentru ta' interessi vitali ma jistax jiġi determinat, jew jekk huwa ma jkollux għad-disposizzjoni tiegħu dar permanenti f'ebda Stat, huwa għandu jitqies li jkun residenti unikament ta' l-Istat li fih soltu jirrisjedi;

(ċ) jekk huwa soltu jirrisjedi fiż-żewġ Stati jew f'ebda wieħed minnhom, huwa għandu jitqies li jkun residenti ta' l-Istat li tiegħu jkun ċittadin;

(d) jekk huwa jkun ċittadin taż-żewġ Stati jew ta' l-ebda wieħed minnhom, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti għandhom jiddeċiedu l-każ bi ftehim bejnithom.

3. Meta minħabba d-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1 persuna li ma tkunx individwu tkun residenti taż-żewġ Stati Kontraenti, din għandha għaldaqstant titqies bħala residenti unikament ta' l-Istat fejn ikun jinsab il-post effettiv tal-maniġġ tagħha.

Artiklu 5

STABBILIMENT PERMANENTI

1. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, il-frażi "stabbiliment permanenti" tfisser post tan-negozju fiss li minnu jitmexxa għalkollox jew f'parti minnu x-xogħol ta' impriża.

2. Il-frażi "stabbiliment permanenti" għandha tinkludi b'mod speċjali:

(a) post ta' maniġġ,

(b) fergħa,

(ċ) uffiċċju,

(d) fabbrika,

(e) ħanut tax-xogħol, u

(f) minjiera, bir taż-żejt jew tal-gass (inkluż sit ta' *offshore drilling*), barriera jew kull post ieħor ta' estrazzjoni ta' riżorsi naturali inklużi s-siġar li jagħtu l-injam jew prodotti oħra tal-foresta;

(ġ) razzett jew qasam;

(ħ) art li tkun qegħda tinbena jew kostruzzjoni, stallazzjoni jew proġett ta' assemblaġġ li jeżisti għal iżjed minn tnax-il xahar.

3. Minkejja d-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-Artiklu, il-frażi "stabbiliment permanenti" għandha titqies li ma tinkludix:

(a) l-użu ta' faċilitajiet unikament għall-iskop ta' ħażna, wiri jew kunsinna ta' oġġetti jew merkanzija li jkunu proprjetà ta' l-impriża;

(b) il-manutenzjoni ta' ħażna ta' oġġetti jew merkanzija li tkun proprjetà ta' l-impriża unikament għall-iskop ta' ħażna, wiri jew kunsinna;

(ċ) il-manutenzjoni ta' ħażna ta' oġġetti jew merkanzija li tkun proprjetà ta' l-impriża għall-iskop uniku ta' proċessar minn impriża oħra;

(d) il-manutenzjoni ta' post fiss ta' negozju għall-iskop uniku ta' xiri ta' oġġetti jew merkanzija, jew ta' ġbir ta' tagħrif għall-impriża;

(e) il-manutenzjoni ta' post fiss ta' negozju għall-iskop uniku li tiġi ġestita, għall-impriża, xi attività oħra ta' xorta preparatorja jew awżiljarja.

4. Impriża ta' Stat Kontraenti għandha titqies bħala li jkollha stabbiliment permanenti fl-Istat Kontraenti l-ieħor jekk:

(a) twettaq attivitajiet ta' sorveljanza f'dak l-Istat l-ieħor għal iżjed minn tnax-il xahar b'konnessjoni ma' kostruzzjoni, stallazzjoni jew proġett ta' assemblaġġ li jkun qiegħed isir f'dak l-Istat l-ieħor; jew

(b) jkun hemm tagħmir sostanzjali f'dak l-Istat l-ieħor li jkun qiegħed jintuża jew jiġi installat minn, għal jew skond kuntratt ma' l-impriża.

5. Persuna (li ma tkunx sensal, aġent b'kummissjoni ġenerali jew xi aġent ieħor bi status indipendenti li għalih japplika l-paragrafu 6) li tkun qed taġixxi fi Stat Kontraenti f'isem impriża ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor għandha titqies li tkun stabbiliment permanenti fl-Istat l-ewwel imsemmi, jekk dik il-persuna:

(a) ikollha, u abitwalment teserċita fl-Istat l-ewwel imsemmi, awtorità li tagħmel kuntratti f'isem l-impriża, kemm-il darba l-attivitajiet tagħha ma jkunux limitati għax-xiri ta' oġġetti jew merkanzija għall-impriża; jew

(b) tkun abitwalment iżżomm fl-Istat l-ewwel imsemmi ħażna ta' oġġetti jew ta' merkanzija li jkunu jappartjenu lill-impriża li minnha hija regolarment taqdi ordnijiet f'isem l-impriża;

(ċ) tkun timmanifattura jew tipprocessa fl-Istat l-ewwel imsemmi għall-impriża oġġetti jew merkanzija li jkunu jappartjenu lill-impriża.

6. Impriża ta' Stat Kontraenti ma għandhiex titqies li jkollha stabbiliment permanenti fl-Istat Kontraenti l-ieħor biss minħabba li tkun tiġġestixxi negozju f'dak l-Istat l-ieħor permezz ta' sensal, aġent b'kummissjoni ġenerali jew kull aġent ieħor bi status indipendenti, meta dawk il-persuni jkunu qed jaġixxu fil-kors ordinarju tan-negozju tagħhom.

Madankollu, meta l-attivitajiet ta' aġent bħal dak ikunu għalkollox, jew kważi għalkollox, dedikati f'isem dik l-impriża, huwa m'għandux jitqies bħala aġent bi status indipendenti jekk it-transazzjonijiet bejn l-aġent u l-impriża ma jkunux saru taħt *arm's length conditions*.

7. Il-fatt li kumpannija li tkun residenti ta' Stat Kontraenti tkun tikkontrolla jew tkun kontrollata minn kumpannija li tkun residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor, jew li tkun tiġġestixxi negozju f'dak l-Istat l-ieħor (sew permezz ta' stabbiliment permanenti sew xort'oħra), m'għandux fih innifsu jikkostitwixxi lil xi kumpannija waħda jew l-oħra stabbiliment permanenti tal-kumpannija l-oħra.

Artiklu 6

INCOME MINN PROPRJETÀ IMMOBBLI

1. *Income* li jinkiseb minn residenti ta' Stat Kontraenti minn proprjetà immobbli li jkunu jinsabu fl-Istat Kontraenti l-ieħor jista' jiġi intaxxat f'dak l-Istat l-ieħor.

2. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, il-frażi "proprjetà immobbli" għandha titfisser skond il-liġijiet ta' l-Istat Kontraenti li fih tkun tinsab il-proprjetà involuta. Il-frażi għandha f'kull każ tinkludi proprjetà aċċessorja għal proprjetà immobbli, bhejjem f'razzett u tagħmir li jintuża fl-agrikoltura u fil-ħidma fil-boskijiet, drittijiet li għalihom japplikaw il-provvedimenti tal-liġi ġenerali dwar il-proprjetà ta' l-art, l-użufrutt tal-proprjetà immobbli u drittijiet dwar ħlasijiet varjabbli jew fissi bħala korrispettiv għal ħidma fi, jew id-dritt li jinħadmu, depożiti minerali, bjar taż-żejt jew tal-gass (inkluż sit ta' *offshore drilling*), barrieri u postijiet oħra mnejn issir l-estrazzjoni ta' riżorsi naturali inklużi siġar li minnhom isir l-injam jew prodotti oħra ġejjin mill-foresti.

Bastimenti, opri tal-baħar u inġenji ta' l-ajru ma għandhomx jitqiesu bħala proprjetà immobbli.

3. Il-provvedimenti tal-paragrafu 1 għandhom ikunu japplikaw għal *income* li jinkiseb mill-użu dirett, kiri, jew użu ta' kull xorta ta' proprjetà immobbli.

4. Il-provvedimenti tal-paragrafi 1 u 3 għandhom japplikaw ukoll għall-*income* minn proprjetà immobbli ta' impriża u għal *income* minn proprjetà immobbli użata għall-għemil ta' servizzi personali indipendenti.

Artiklu 7

PROFITTI MINN NEGOZJU

1. Il-profitti ta' impriża ta' Stat Kontraenti għandhom ikunu biss taxxabbli f'dak l-Istat kemm-il darba l-impriża ma tmexxix negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor permezz ta' stabbiliment permanenti li jkun qiegħed hemmhekk. Jekk l-impriża tkun qegħda tmexxi negozju kif hawn aktar qabel imsemmi, il-profitti ta' l-impriża jistgħu jiġu intaxxati fl-Istat l-ieħor imma biss fuq dik il-parti minnhom daqskemm tkun attribwibbli għal dak l-istabbiliment permanenti.

2. Bla ħsara għall-provvedimenti tal-paragrafu 3, meta impriża ta' Stat Kontraenti tkun tmexxi negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor permezz ta' stabbiliment permanenti li jkun qiegħed hemmhekk, għandhom f'kull Stat Kontraenti jiġu attribwiti lil dak l-istabbiliment permanenti il-profitti li kien ikun mistenni jagħmel kieku kien impriża distinta u separata li taħdem fl-istess attivitajiet jew oħrajn bħalhom taħt l-istess kundizzjonijiet jew oħrajn bħalhom u li taħdem indipendentement għalkollox mill-impriża li tagħha tkun stabbiliment permanenti.

3. Sabiex jiġu stabbiliti l-profitti ta' stabbiliment permanenti, għandhom ikunu permessi bħala tnaqqis dawk l-ispejjeż inklużi spejjeż amministrattivi eżekuttivi u ġenerali, li jkunu jistgħu jitnaqqsu li kieku l-istabbiliment permanenti kien impriża indipendenti, fil-qies li dawn ikunu raġonevolment allokabbli għall-istabbiliment permanenti, sew jekk isiru fl-Istat Kontraenti fejn ikun hemm l-istabbiliment permanenti sew band'oħra.

4. Jekk l-informazzjoni disponibbli għall-awtorità kompetenti ma jkunx adegwat biex jistabbilixxi l-profitti li għandhom jiġu attribwiti lill-istabbiliment permanenti ta' impriża, ebda ħaġa f'dan l-Artiklu ma għandha tolqot l-applikazzjoni ta' xi liġi ta' dak l-Istat għar-rigward ta' kif tiġi stabbilita t-taxxa li għandha titħallas minn persuna bl-eżerċiżżju ta' diskrezzjoni jew bl-għemil ta' stima mill-awtorità kompetenti, iżda l-liġi għandha tiġi applikata, sakemm l-informazzjoni disponibbli għall-awtorità kompetenti tkun tippermetti, skond il-prinċipju li jinsab f'dan l-Artiklu.

5. Ebda profitti ma għandhom jiġu attribwiti lil stabbiliment permanenti minħabba biss f'li jsir ix-xiri minn dak l-istabbiliment permanenti ta' oġġetti jew merkanzija għall-impriża.

6. Għall-għanijiet tal-paragrafi preċedenti, l-profitti li għandhom jiġu attribwiti lill-istabbiliment permanenti għandhom jiġu stabbiliti bl-istess metodu sena wara l-oħra kemm-il darba ma jkunx hemm raġuni tajba u suffiċjenti biex dan ma jsirx.

7. Meta l-profitti jkunu jinkludu oġġetti ta' *income* li qegħdin jiġu trattati separatament f'Artikli oħra ta' dan il-Ftehim, għaldaqshekk il-provvedimenti ta' dawk l-Artikli ma jintlaqtux bil-provvedimenti ta' dan l- Artiklu.

Artiklu 8

TBAĦĦIR U TRASPORT BL-AJRU

1. Il-profitti li jinkisbu minn impriża ta' Stat Kontraenti mit-tħaddim ta' bastimenti jew inġenji ta' l-ajru fi traffiku internazzjonali għandhom ikunu taxxabbli biss f'dak l-Istat.

2. Il-paragrafu 1 għandu wkoll japplika għas-sehem mill-profitti mit-thaddim ta' bastimenti jew ta' inġenji ta' l-ajru li jinkisbu minn residenti ta' Stat Kontraenti mill-parteċipazzjoni f'*pool*, negozju bi sħab jew aġenzija b'operat internazzjonali.

3. Minkejja d-disposizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Artiklu, il-profitti mit-thaddim ta' bastiment fi traffiku internazzjonali li jinkiseb minn kumpannija li tkun residenti ta' Malta u li jkollha iżjed minn 25 fil-mija mill-kapital tagħha li jkun, direttament jew mhux, jappartjeni lil persuni li ma jkunux residenti f'Malta, jistgħu jiġu intaxxati fil-Malasja kemm-il darba l-kumpannija ma ġġibx prova li l-profitti li jinkisbu mit-thaddim ta' dak il-bastiment ikunu soġġetti għat-taxxa ta' Malta mingħajr ma jitqies ebda ħelsien minnha skond ma hemm provdut fl-artikolu 86 ta' l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili (Kap. 234) jew f'xi provvediment identiku jew simili.

Artiklu 9

IMPRIŻI ASSOĊJATI

Meta:

(a) impriża ta' Stat Kontraenti tipparteċipa sew direttament sew indirettament fit-tmexxija, kontroll jew kapital ta' impriża ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor, jew

(b) l-istess persuni jipparteċipaw sew direttament sew indirettament fit-tmexxija, kontroll jew kapital ta' impriża ta' Stat Kontraenti u ta' impriża ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor,

u f'kull każ isiru jew jiġu imposti kondizzjonijiet bejn iż-żewġ impriżi fir-relazzjonijiet kummerċjali jew finanzjarji tagħhom li ma jkunux jaqblu ma' dawk li kieku kienu jiġu magħmula bejn impriżi indipendenti, f'dak il-każ il-profitti li, kieku ma kienux dawk il-kondizzjonijiet, kienu jakkumulaw għal waħda mill-impriżi, iżda, minħabba dawk il-kondizzjonijiet, ma ġewx hekk akkumulati, jistgħu jiġu inklużi fil-profitti ta' dik l-impriża u intaxxati skond hekk.

Artiklu 10

DIVIDENDI

1. Dividendi mħallsa minn kumpannija li tkun residenti ta' Stat Kontraenti lil residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor tista' tiġi intaxxata f'dak l-Istat.

2. Dividendi li jitħallsu minn kumpannija li tkun residenti tal-Malasja lil residenti ta' Malta li jkun is-sid benefiċjarju tad-dividendi għandhom ikunu eżenti minn kull taxxa fil-Malasja li jkollha titħallas fuq dividendi b'żjieda mat-taxxa li jkollha titħallas għar-rigward tal-kumpannija. Ebda ħaġa f'dan il-paragrafu ma għandha tolqot id-disposizzjonijiet tal-liġi tal-Malasja li taħtha t-taxxa dwar dividend mħallsa minn kumpannija li tkun residenti tal-Malasja li minnha t-taxxa tal-Malasja tkun ġiet, jew tkun tqieset li ġiet, imnaqqsa tkun tista' tiġi aġġustata b'riferenza għar-rata ta' taxxa adatta għas-sena ta' stima tal-Malasja li tiġi minnufih wara dik li fiha jkun tħallas id-dividend.

3. (a) Dividendi li jitħallsu minn kumpannija li tkun residenti ta' Malta lil residenti tal-Malasja li jkun is-sid benefiċjarju tad-dividendi jistgħu jkunu soġġetti għat-taxxa ta' Malta fuq l-ammont gross ta' dawk id-dividendi, imma t-taxxa li hekk titħallas m'għandhiex tkun iżjed minn dik li titħallas fuq il-profitti li minnhom jitħallsu d-dividendi.

(b) Meta dawk id-dividendi jitħallsu minn profitti li tagħmel kumpannija u li jkunu soġġetti għat-taxxa b'rata mnaqqsa ta' taxxa taħt provvedimenti speċjali intiżi biex iġibu 'l quddiem l-investimenti meħtieġa għall-iżvilupp ekonomiku ta' Malta, ir-rata tat-taxxa ta' Malta fuq id-dividendi ma għandhiex tkun iżjed minn dik ir-rata mnaqqsa.

4. Il-frażi "dividendi" kif din tintuża f'dan l-Artiklu tfisser *income* minn ishma jew minn drittijiet oħra, li ma jkunux pretensjonijiet ta' debitu, il-parteċipazzjoni fi profitti, kif ukoll *income* minn drittijiet korporattivi li jingħata l-istess trattament fl-intaxxar bħallikieku kien *income* minn ishma skond il-liġijiet ta' l-Istat li tiegħu l-kumpannija li tkun qed tagħmel it-tqassim tkun residenti.

5. Il-provvedimenti tal-paragrafi 1, 2 u 3 m'għandhomx japplikaw jekk is-sid benefiċjarju tad-dividendi, li jkun residenti ta' Stat Kontraenti, imexxi negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor li tiegħu tkun residenti l-kumpannija li tħallas id-dividendi, permezz ta' stabbiliment permanenti li jkun sitwat hemmhekk, u l-*holding* li dwarhom id-dividendi jkunu mħallsa jkollu x'jaqsam effettivament ma' dak l-istabbiliment permanenti. F'dak il-każ, għandhom japplikaw il-provvedimenti ta' l-Artiklu 7.

6. Meta kumpannija li tkun residenti ta' Stat Kontraenti tikseb *income* jew profitti mill-Istat Kontraenti l-ieħor, dak l-Istat l-ieħor ma jista' jimponi ebda taxxa fuq id-dividendi mħallsa mill-kumpannija lil persuni li ma jkunux residenti ta' dak l-Istat l-ieħor, jew jassoġġetta l-profitti mhux imqassma tal-kumpannija għal taxxa fuq il-profitti mhux imqassma, ukoll jekk id-dividendi mħallsa jew il-profitti mhux imqassma jkunu kollha kemm huma jew f'parti minnhom jikkonsistu f'income jew fi profitti li jinqalgħu f'dak l-Istat l-ieħor.

Artiklu 11

MGĦAX

1. Mgħax li jinqala' fi Stat Kontraenti u jitħallas lil residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor għandu jkun taxxabbli biss f'dak Istat l-ieħor.

2. Madankollu, dak l-imgħax jista' jiġi intaxxat fl-Istat Kontraenti fejn joriġina u skond il-liġijiet ta' dak l-Istat, imma jekk min jirċevih ikun is-sid benefiċjarju ta' l-imgħax, it-taxxa hekk imħallsa m'għandhiex taqbeż 15 fil-mija ta' l-ammont gross ta' l-imgħax.

3. Minkejja d-disposizzjonijiet tal-paragrafi 2, kull imgħax li residenti ta' Malta jkollu jedd benefiċjarju għalih għandu jkun eżenti mit-taxxa tal-Malasja jekk is-self jew addebitament ieħor li dwaru jitħallas l-imgħax ikun self approvat kif imfisser fl-artikolu 2(1) ta' l-*Income Tax Act, 1967* tal-Malasja (kif emendat).

4. Minkejja d-disposizzjonijiet tal-paragrafi 2 u 3, il-Gvern ta' Stat Kontraenti jkun eżenti mit-taxxa fl-Istat Kontraenti l-ieħor għar-rigward ta' mgħax li jinkiseb mill-Gvern minn dak l-istat l-ieħor.

5. Għall-finijiet tal-paragrafu 4, il-frażi "Gvern":

(a) fil-każ tal-Malasja tfisser il-Gvern tal-Malasja u għandha tinkludi:

(i) il-gvern ta' l-Istati;
(ii) l-awtoritajiet lokali;
(iii) il-korpi statutorji;
(iv) il-Bank Negara Malaysia;

(v) dawk l-istituzzjonijiet, li għandhom il-kapital tagħhom proprjetà assoluta tal-Gvern tal-Malasja jew tal-gvernijiet ta' l-Istati, jew ta' l-awtoritajiet lokali jew tal-korpi statutorji tagħhom, skond ma jista' jiġi miftiehem minn żmien għal żmien bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti;

(b) fil-każ ta' Malta tfisser il-Gvern ta' Malta u għandha tinkludi:

(i) il-Bank Ċentrali ta' Malta;
(ii) il-Korporazzjoni għal Żvilupp ta' Malta;
(iii) il-korpi statutorji;
(iv) dawk l-istituzzjonijiet, li għandhom il-kapital tagħhom proprjetà assoluta tal-Gvern ta' Malta, skond ma jista' jiġi miftiehem minn żmien għal żmien bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti.

6. Il-frażi "mgħax" kif din tintuża f'dan l-Artiklu tfisser *income* minn pretensjonijiet ta' debitu ta' kull xorta, sew jekk ipotekati sew jekk le u sew jekk jagħti l-jedd għal sehem fil-profitti tad-debitur sew jekk le, u b'mod partikolari, *income* minn titoli tal-gvern u *income* minn bonds jew *debentures*.

7. Il-provvedimenti tal-paragrafi 1, 2 u 3 m'għandhomx japplikaw jekk is-sid benefiċjarju ta' l-imgħax, li jkun residenti ta' Stat Kontraenti, ikun qed imexxi negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor li fih jinqala' l-imgħax, permezz ta' stabbiliment permanenti sitwat hemmhekk, u l-pretensjoni ta' debitu li dwarha jitħallas l-imgħax tkun effettivament konnessa ma' dak l-istabbiliment permanenti. F'każ bħal dak għandhom japplikaw il-provvedimenti ta' l-Artiklu 7.

8. L-imgħax għandu jitqies li joriġina fi Stat Kontraenti meta min iħallas ikun dak l-Istat innifsu, sottodiviżjoni politika tiegħu, awtorità lokali jew korp statutorju tagħhom jew residenti ta' dak l-Istat. Meta, madankollu, l-persuna li tkun qed tħallas l-imgħax, sew jekk tkun residenti ta' Stat Kontraenti sew jekk le, jkollha fi Stat Kontraenti stabbiliment permanenti li f'konnessjoni miegħu kien sar id-dejn li fuqu jitħallas l-imgħax, u dak l-imgħax jiġġarrab minn dak l-istabbiliment permanenti, għaldaqstant dak l-imgħax għandu jitqies li joriġina fl-Istat fejn ikun jinsab l-istabbiliment permanenti.

9. Meta, minħabba f'relazzjoni speċjali bejn min iħallas u s-sid benefiċjarju jew bejn it-tnejn li huma u xi persuna oħra, l-ammont ta' mgħax imħallas, wara li titqies xi tkun il-pretensjoni ta' debitu li dwarha jitħallas, ikun iżjed mill-ammont li kien ikun miftiehem bejn min iħallas u s-sid benefiċjarju fin-nuqqas ta' dik ir-relazzjoni, il-provvedimenti ta' dan l-Artiklu għandhom ikunu japplikaw biss għall-ammont l-aħħar imsemmi. F'każ bħal dak, il-parti żejda tal-ħlasijiet tibqa' taxxabbli skond il-liġijiet ta' kull Stat Kontraenti, fil-qies tal-provvedimenti l-oħra ta' dan il-Ftehim.

Artiklu 12

ROYALTIES

1. *Royalties* li jinqalgħu fi Stat Kontraenti u jitħallsu lil residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor jistgħu jiġu intaxxati f'dak Istat l-ieħor.

2. Madankollu, dawk ir-*royalties* jistgħu wkoll jiġu intaxxati fl-Istat Kontraenti fejn joriġinaw u skond il-liġijiet ta' dak l-Istat, iżda jekk min jirċevihom ikun is-sid benefiċjarju tar-*royalties*, it-taxxa hekk imħallsa m'għandhiex teċċedi 15 fil-mija ta' l-ammont gross tar-*royalties*.

3. Il-frażi "*royalties*" kif tintuża f'dan l-Artiklu tfisser ħlasijiet ta' kull xorta fil-qies li dawn isiru b'korrispettiv għal:

(a) l-użu ta', jew għall-jedd ta' l-użu, ta' kull

(i) dritt ta' l-awtur, privattiva, disinn jew mudell, pjan, formula jew proċess sigrieti, *trade mark*, jew xi proprjetà jew dritt bħal dawk;

(ii) tagħmir industrijali, kummerċjali jew xjentifiku; jew

(iii) films ċinematografiċi jew tapes użati għax-xandir bir-radju jew bit-televiżjoni;

(b) l-għoti ta' konoxxenza jew informazzjoni xjentifika, teknika, industrijali jew kummerċjali;

(ċ) l-għoti ta' kull għajnuna li tkun anċillari u sussidjarja għal, u li tiġi pprovduta bħala mezz li tkun tista' ssir l-applikazzjoni jew it-tgawdija ta', kull proprjetà jew dritt bħal dawk imsemmija fis-subparagrafu (a) (i), kull tagħmir bħal dak imsemmi fis-subparagrafu (a) (ii), jew kull konoxxenza jew informazzjoni bħal dawk imsemmija fis-subparagrafu (b).

4. Il-provvedimenti tal-paragrafi 1 u 2 m'għandhomx japplikaw jekk is-sid benefiċjarju tar-*royalties*, li jkun residenti ta' Stat Kontraenti, ikun qed imexxi negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor li fih ir-*royalties* jinqalgħu, permezz ta' stabbiliment permanenti sitwat hemmhekk, u d-dritt jew il-proprjetà li dwarhom jitħallsu r-*royalties* ikunu effettivament konnessi ma' dak l-istabbiliment permanenti. F'dak il-każ għandhom japplikaw il-provvedimenti ta' l-Artiklu 7.

5. Ir-*royalties* jitqiesu li joriġinaw fi Stat Kontraenti meta min iħallas ikun dak l-Istat innifsu, sottodiviżjoni politika tiegħu, awtorità lokali jew korp statutorju tagħhom jew residenti ta' dak l-Istat. Meta, madankollu, l-persuna li tkun qed tħallas

dawk ir-*royalties*, sew jekk tkun residenti ta' Stat Kontraenti sew jekk le, jkollha fi Stat Kontraenti stabbiliment permanenti li f'konnessjoni miegħu kienet saret l-obbligazzjoni li fuqu jitħallsu r-*royalties* u dawk ir-*royalties* jiġġarbu minn dak l-istabbiliment, għaldaqstant dawk ir-*royalties* għandhom jitqiesu li joriġinaw fl-Istat fejn ikun jinsab l-istabbiliment permanenti.

6. Meta, minħabba r-relazzjoni speċjali bejn min iħallas u s-sid benefiċjarju jew bejnithom it-tnejn u xi persuna oħra, l-ammont tar-*royalties* imħallsa jew akkreditati, fil-qies ta' x'ikun l-użu, id-dritt jew l-informazzjoni li jitħallsu jew jiġu akkreditati għalihom, ikun iżjed mill-ammont li kien ikun miftiehem bejn min iħallas u s-sid benefiċjarju fin-nuqqas ta' dik ir-relazzjoni, il-provvedimenti ta' dan l-Artiklu għandhom japplikaw biss għall-ammont l-aħħar imsemmi. F'dak il-każ, il-parti żejda tar-*royalties* imħallsa jew akkreditati għandha tibqa' taxxabbli skond il-liġijiet ta' kull Stat Kontraenti, wara li jitqiesu l-provvedimenti l-oħra ta' dan il-Ftehim.

Artiklu 13

DRITTIJIET TEKNIĊI

1. Drittijiet tekniċi li jinqalgħu fi Stat Kontraenti u jitħallsu lil residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor jistgħu jiġu intaxxati f'dak Istat l-ieħor.

2. Madankollu, dawk id-drittijiet tekniċi jistgħu wkoll jiġu intaxxati fl-Istat Kontraenti fejn joriġinaw, u skond il-liġijiet ta' dak l-Istat; iżda jekk min jirċevihom ikun is-sid benefiċjarju tad-drittijiet tekniċi, it-taxxa hekk imħallsa m'għandhiex teċċedi 10 fil-mija ta' l-ammont gross tad-drittijiet tekniċi.

3. Il-frażi "drittijiet tekniċi " kif tintuża f'dan l-Artiklu tfisser ħlasijiet ta' kull xorta lil xi persuna, minbarra lil persuna impjegata mal-persuna li tkun qed tagħmel il-ħlasijiet, b'korrispettiv għal servizzi ta' xorta teknika, maniġerjali jew ta' konsulenza.

4. Il-provvedimenti tal-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artiklu m'għandhomx japplikaw jekk is-sid benefiċjarju tad-drittijiet tekniċi, li jkun residenti ta' Stat Kontraenti, ikun qed imexxi negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor li fih jinqalgħu d-drittijiet tekniċi permezz ta' stabbiliment permanenti sitwat hemmhekk, jew ikun qed iwettaq servizzi personali f'dak l-Istat indipendenti l-ieħor, u d-drittijiet tekniċi ikunu effettivament konnessi ma' dak l-istabbiliment permanenti jew servizzi. F'dak il-każ, għandhom japplikaw il-provvedimenti ta' l-Artiklu 7 jew ta' l-Artiklu 15, skond il-każ.

5. Id-drittijiet tekniċi jitqiesu li joriġinaw fi Stat Kontraenti meta min iħallas ikun dak l-Istat innifsu, sottodiviżjoni politika tiegħu, awtorità lokali jew korp statutorju tagħhom jew residenti ta' dak l-Istat. Meta, madankollu, l-persuna li tkun qed tħallas dawk id-drittijiet tekniċi, sew jekk tkun residenti ta' Stat Kontraenti sew jekk le, jkollha

fi Stat Kontraenti stabbiliment permanenti li f'konnessjoni miegħu kienet saret l-obbligazzjoni li fuqu jitħallsu d-drittijiet tekniċi, u dawk id-drittijiet tekniċi jiġġarbu minn dak l-istabbiliment, għaldaqstant dawk id-drittijiet tekniċi għandhom jitqiesu li joriġinaw fl-Istat fejn ikun jinsab l-istabbiliment permanenti.

6. Meta, minħabba r-relazzjoni speċjali bejn min iħallas u min jirċievi jew bejnithom it-tnejn u xi persuna oħra, l-ammont ta' drittijiet tekniċi mħallsa, għal liema raġuni tkun, ikun iżjed mill-ammont li kien ikun miftiehem bejn min iħallas u s-sid benefiċjarju fin-nuqqas ta' dik ir-relazzjoni, il-provvedimenti ta' dan l-Artiklu għandhom japplikaw biss għall-ammont l-aħħar imsemmi. F'dak il-każ, il-parti żejda tal-ħlasijiet għandha tibqa' taxxabbli skond il-liġi ta' kull Stat Kontraenti, wara li jitqiesu l-provvedimenti l-oħra ta' dan il-Ftehim.

Artiklu 14

TRASFERIMENT TA' PROPRJETÀ

1. *Income* jew qligħ mit-trasferiment ta' proprjetà immobbli kif imfisser fil-paragrafu 2 ta' l-Artiklu 6 jista' jiġi intaxxat fl-Istat Kontraenti fejn tkun tinsab dik il-proprjetà.

2. *Income* jew qligħ mit-trasferiment ta' proprjetà mobbli li tagħmel parti mill-proprjetà tan-negozju ta' stabbiliment permanenti li impriża ta' Stat Kontraenti jkollha fl-Istat Kontraenti l-ieħor jew ta' proprjetà mobbli li tkun disponibbli għal residenti ta' Stat Kontraenti fl-Istat Kontraenti l-ieħor bil-għan li jitwettqu servizzi professjonali, inkluż dak l-*income* jew qligħ mit-trasferiment ta' dak l-istabbiliment permanenti (waħdu jew flimkien ma' l-impriża kollha) jista' jiġi intaxxat f'dak Istat l-ieħor. Madankollu, *income* jew qligħ mit-trasferiment ta' bastimenti jew inġenji ta' l-ajru operati minn impriża ta' Stat Kontraenti fi traffiku internazzjonali u proprjetà mobbli li tappartjeni għall-operat ta' dawk il-bastimenti jew inġenji ta' l-ajru għandhom ikunu taxxabbli biss f'dak l-Istat li l-impriża tkun residenti tiegħu.

3. *Income* jew qligħ mit-trasferiment ta' ishma ta' kumpannija, li l-proprjetà tagħha tkun prinċipalment tikkonsisti fi proprjetà immobbli li tkun tinsab fi Stat Kontraenti, tista' tiġi intaxxata f'dak l-Istat. *Income* jew qligħ mit-trasferiment ta' xi interess f'soċjetà jew fi *trust*, li l-proprjetà tagħha tkun prinċipalment tikkonsisti fi proprjetà immobbli li tkun tinsab fi Stat Kontraenti, tista' tiġi intaxxata f'dak l-Istat.

4. *Income* jew qligħ mit-trasferiment ta' proprjetà jew attiv li ma jkunux dawk imsemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artiklu għandhom ikunu taxxabbli biss fl-Istat Kontraenti li tiegħu ikun residenti min jittrasferixxi.

Artiklu 15

SERVIZZI PERSONALI INDIPENDENTI

1. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-artiklu 13, *income* li jinkiseb minn residenti ta' Stat Kontraenti għal servizzi professjonali jew attivitajiet oħra indipendenti ta' xorta simili għandhom ikunu intaxxati biss f'dak l-Istat. Madankollu, jekk dak l-*income* jinkiseb mill-Istat Kontraenti l-ieħor dan jista' jiġi intaxxat f'dak l-Istat l-ieħor jekk:

(a) il-qagħda tiegħu f'dak l-Istat l-ieħor tkun għal perjodu jew għal perjodi li fit-total ikunu jammontaw għal jew jaqbżu l-183 ġurnata matul xi sena kalendarja; jew

(b) ir-rimunerazzjoni għas-servizzi tiegħu f'dak l-Istat l-ieħor jew tinkiseb minn residenti ta' dak l-Istat jew tiġġarrab minn stabbiliment permanenti li l-persuna li tkun qed tħallas ir-rimunerazzjoni jkollha f'dak l-Istat u f'kull każ tkun taqbeż l-ekwivalenti fil-munita ta' dak l-Istat ta' ħamest elef dollaru Amerikan (US $ 5,000) matul is-sena kalendarja.

2. Il-frażi "servizzi professjonali" tinkludi, b'mod speċjali, attivitajiet letterarji, artistiċi, edukattivi jew ta' tagħlim li huma speċjalment indipendenti kif ukoll l-attivitajiet indipendenti ta' tobba, avukati, inġiniera, periti u *accountants*.

Artiklu 16

SERVIZZI PERSONALI DIPENDENTI

1. Bla ħsara għall-provvedimenti ta' l-Artikli 17, 19, 20, 21 u 22 is-salarji, il-pagi u kumpens ieħor bħal dak li jinkisbu minn residenti ta' Stat Kontraenti dwar xi impieg għandhom ikunu taxxabbli biss f'dak l-Istat kemm-il darba l-impieg ma jiġix eżerċitat fl-Istat Kontraenti l-ieħor. Jekk l-impieg jiġi hekk eżerċitat, dak il-kumpens li jinkiseb minnu jista' jiġi intaxxat f'dak Istat l-ieħor.

2. Minkejja l-provvedimenti tal-paragrafu 1, il-kumpens li jinkiseb minn residenti ta' Stat Kontraenti dwar impieg eżerċitat fl-Istat Kontraenti l-ieħor għandu jkun taxxabbli biss fl-Istat l-ewwel imsemmi jekk:

(a) min jirċevih ikun preżenti fl-Istat l-ieħor għal perjodu jew perjodi li ma jaqbżux it-total ta' 183 ġurnata matul is-sena kalendarja involuta, u

(b) il-kumpens jitħallas minn, jew f'isem, prinċipal li ma jkunx residenti ta' l-Istat l-ieħor, u

(ċ) il-kumpens ma jkunx piż fuq l-istabbiliment permanenti li l-prinċipal ikollu fl-Istat l-ieħor.

3. Minkejja l-provvedimenti preċedenti ta' dan l-Artiklu, il-kumpens dwar impieg eżerċitat abbord bastiment jew inġenji ta' l-ajru operati fi traffiku internazzjonali minn impriża ta' Stat Kontraenti, jista' jiġi intaxxat f'dak l-Istat.

Artiklu 17

DRITTIJIET TAD-DIRETTURI

Id-drittijiet tad-diretturi u ħlasijiet simili oħra li jinkisbu minn residenti ta' Stat Kontraenti fil-kapaċità tiegħu ta' membru tal-bord ta' diretturi, jew ta' korp komparabbli ieħor ikun kif ikun imsemmi, ta' kumpannija li tkun residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor, jistgħu jiġu intaxxati f'dak l-Istat l-ieħor.

Artiklu 18

ARTISTI U ATLETI

1. Minkejja l-provvedimenti ta' l-Artikli 15 u 16, *income* li jinkiseb minn residenti ta' Stat Kontraenti bħala uħud li jagħtu spettaklu, bħal artisti tat-teatru, tal-films ċinematografiċi, tar-radju jew tat-televiżjoni, jew bħala mużiċisti, jew bħala atleta, mill-attivitajiet personali tiegħu bħala tali li jiġu eżerċitati fl-Istat Kontraenti l-ieħor, jistgħu jiġu intaxxati f'dak l-Istat l-ieħor.

2. Meta dwar attivitajiet personali eżerċitati minn min jagħti spettaklu jew atleta fil-kapaċità tiegħu bħala tali jingħabar mhux minn min jagħti spettaklu jew l-atleta innifsu iżda minn xi persuna oħra, dak l-*income* jista', minkejja l-provvedimenti ta' l-Artikli 7, 15 u 16, jiġi intaxxat fl-Istat Stat Kontraenti li fih l-attivitajiet ta' min jagħti spettaklu jew ta' l-atleta jiġu eżerċitati.

3. Id-disposizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għal rimunerazzjoni jew profitti li jinkisbu minn attivitajiet eżerċitati fi Stat Kontraenti jekk il-viżta f'dak l-Istat tkun direttament jew mhux appoġġata għalkollox jew sostanzjalment mill-flejjes pubbliċi ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor, sottodiviżjoni politika, awtorità lokali jew korp statutorju tagħhom.

Artiklu 19

PENSJONIJIET U ANNWALITAJIET

1. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-paragrafu 2 ta' l-Artiklu 20, kull pensjoni u rimunerazzjoni simili oħra għal impieg ta' qabel jew kull annwalità li toriġina fi Stat Kontraenti u tiħallas lil xi residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor għandhom ikunu taxxabbli biss f'dak l-Istat l-ieħor.

2. Pensjonijiet u ħlasijiet oħra li jingħataw taħt il-leġislazzjoni ta' l-assigurazzjoni soċjali ta' Stat Kontraenti għandhom ikunu taxxabbli biss f'dak l-Istat.

3. Il-fraži "annwalitajiet" tfisser ammont fiss li jitħallas perjodikament fi żminijiet fissi, matul il-ħajja jew matul perjodu ta' żmien speċifikat jew aċċertabbli, taħt obbligazzjoni li l-ħlasijiet isiru għal korrispettiv adegwat u sħiħ fi flus jew valur ta' flus.

Artiklu 20

SERVIZZ TAL-GVERN

1. (a) Rimunerazzjoni, li ma tkunx pensjoni, mħallsa minn Stat Kontraenti jew minn sottodiviżjoni politika jew minn awtorità lokali jew minn korp statutorju tagħhom lil xi individwu għar-rigward ta' servizzi mogħtijin lil dak l-Istat jew sottodiviżjoni politika jew awtorità lokali jew korp statutorju tagħhom għandhom ikunu taxxabbli biss f'dak l-Istat.

(b) Madankollu, dik ir-rimunerazzjoni għandha tkun taxxabbli biss f'dak l-Istat Kontraenti l-ieħor jekk is-servizzi jingħataw f'dak l-Istat u l-individwu jkun residenti f'dak l-Istat li:

(i) huwa jkun ċittadin ta' dak l-Istat; jew

(ii) ma jkunx sar residenti ta' dak l-Istat unikament sabiex iwettaq dawk is-servizzi.

2. Pensjonijiet u ħlasijiet oħra mħallsa taħt il-leġislazzjoni ta' l-assigurazzjoni soċjali ta' Stat Kontraenti għandhom ikunu taxxabbli biss f'dak l-Istat.

3. Il-provvedimenti ta' l-artikli 16, 17 u 19 għandhom japplikaw għal kull rimunerazzjoni u pensjonijiet, għar-rigward ta' servizzi mogħtija f'dak li għandu x'jaqsam ma' negozju jew kummerċ ġestiti minn Stat Kontraenti jew minn sottodiviżjoni politika jew minn awtorità lokali jew minn korp statutorju tagħhom.

Artiklu 21

STUDENTI U ALLJEVI

Individwu li jkun residenti ta' Stat Kontraenti minnufih qabel ma jagħmel viżta lill-Istat Kontraenti l-ieħor u li jkun temporanjament preżenti fl-Istat l-ieħor unikament:

(a) bħala student f'università, kulleġġ jew skola rikonoxxuti jew istituzzjoni edukattiva rikonoxxuta simili oħra f'dak l-Istat l-ieħor;

(b) bħala apprendist kummerċjali jew tekniku; jew

(ċ) bħala persuna li tirċievi għotja, *allowance* jew premju għall-fini ewlieni ta' studju, riċerka jew taħriġ mill-gvern ta' xi Stat wieħed jew l-ieħor jew minn xi organizzazzjoni xjentifika, edukattiva, reliġjuża jew karitattevoli jew taħt xi programm ta' assistenza teknika magħmul mill-Gvern ta' xi Stat wieħed jew l-ieħor,

ikun eżenti mit-taxxa f'dak l-Istat l-ieħor fuq:

(a) kull ħlas li jirċievi minn barra l-pajjiż għall-finijiet tal-manteniment, l-edukazzjoni, l-istudju, r-riċerka jew it-taħriġ tiegħu;

(b) l-ammont ta' dik l-għotja, *allowance* jew premju; u

(ċ) kull rimunerazzjoni li ma tkunx teċċedi l-ekwivalenti fil-munita ta' dak l-Istat l-ieħor ta' elfejn dollaru Amerikan (US $ 2,000) għar-rigward ta' servizzi f'dak l-Istat l-ieħor sakemm is-servizzi jsiru f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-istudju, riċerka jew taħriġ tiegħu jew ikunu meħtieġa għall-finijiet tal-manteniment tiegħu.

Artiklu 22

GĦALLIEMA U RIĊERKATURI

1. Individwu li jkun residenti fi Stat Kontraenti minnufih qabel ma jagħmel żjara lill-Istat Kontraenti l-ieħor, u li, fuq stedina ta' xi università, kulleġġ, skola jew istituzzjoni edukattiva simili oħra, jinvitata lil dak l-Istat l-ieħor għal perjodu li ma jeċċedix is-sentejn unikament għall-fini ta' tagħlim jew riċerka jew it-tnejn flimkien f'dik l-istituzzjoni edukattiva jkun eżenti mit-taxxa f'dak l-Istat l-ieħor fuq kull rimunerazzjoni għal dak it-tagħlim jew riċerka jew it-tnejn li huma.

2. Dan l-Artiklu ma għandux japplika għal *income* minn riċerka jekk dik ir-riċerka ssir primarjament għall-benefiċċju privat ta' xi persuna speċifika jew persuni speċifiċi.

Artiklu 23

INCOME MHUX ESPRESSAMENT IMSEMMI

Elementi ta' *income* ta' residenti ta' Stat Kontraenti li mhux espressament imsemmija fl-Artikli preċedenti ta' dan il-Ftehim għandhom ikunu taxxabbli biss f'dak l-Istat Kontraenti ħlief li jekk dak l-*income* jinkiseb minn għejjun fl-Istat Kontraenti l-ieħor, dan jista' wkoll jiġi intaxxat f'dak l-Istat l-ieħor.

Artiklu 24

ELIMINAZZJONI TA' TASSAZZJONI DOPPJA

1. Bla ħsara għal-liġijiet tal-Malasja dwar l-għoti bi kreditu kontra t-taxxa tal-Malasja ta' taxxa pagabbli f'xi pajjiż li ma jkunx il-Malasja, it-taxxa ta' Malta li titħallas taħt il-liġijiet ta' Malta u skond dan il-Ftehim minn residenti tal-Malasja dwar *income* miksub minn Malta għandu jiġi permess bħala kreditu kontra t-taxxa tal-Malasja li titħallas għar-rigward ta' dak l-*income*. Dak il-kreditu m'għandux, madankollu, jeċċedi dik il-parti tat-taxxa tal-Malasja, kif tiġi komputata qabel ma jingħata l-kreditu, li tkun tapplika għal dak l-element ta' *income*.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-frażi "taxxa ta' Malta li titħallas" għandha titqies li tinkludi l-ammont ta' taxxa ta' Malta li kienet, taħt il-liġijiet ta' Malta u skond dan il-Ftehim, titħallas fuq *income* miksub minn għejjun f'Malta li kieku l-*income* ma jkunx ġie intaxxat b'rata mnaqqsa jew eżentat mit-taxxa ta' Malta skond:

(a) l-Ordinanza ta' l-1959 dwar l-Għajnuna lill-Industrji, u l-Att ta' l-1988 dwar l-Iżvilupp Industrjali, daqskemm dawn kienu fis-seħħ fi, u ma ġewx modifikati mid-data meta jkun ġie ffirmat dan il-Ftehim jew ikunu ġew modifikati biss f'xi dettall minuri sabiex ma tintlaqatx ix-xorta ġenerali tagħhom; jew

(b) kull disposizzjoni oħra li tista' tkun sussegwentement imdaħħla f'Malta b'modifika jew b'żjieda mal-liġijiet li jeżistu dwar inċentivi speċjali sakemm dawn ikun hemm qbil dwarhom mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti bħala li jkunu ta' xorta sostanzjalment simili.

3. Bla ħsara għal-liġijiet ta' Malta dwar l-għoti bi kreditu kontra t-taxxa ta' Malta ta' taxxa li titħallas f'xi pajjiż li ma jkunx Malta, it-taxxa tal-Malasja li titħallas taħt il-liġijiet tal-Malasja u skond dan il-Ftehim minn residenti ta' Malta dwar *income* li jinkiseb mill-Malasja għandha tiġi permessa bħala kreditu kontra t-taxxa ta' Malta li titħallas dwar dak l-*income*. Il-kreditu ma għandux, madankollu, jeċċedi dik il-parti tat-taxxa ta' Malta, kif din tinħadem qabel ma jingħata l-kreditu, li tkun tapplika għal dak l-element ta' *income*.

4. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-frażi "taxxa tal-Malasja li titħallas" għandha titqies li tinkludi l-ammont ta' taxxa tal-Malasja li kienet, taħt il-liġijiet ta' Malasja u skond dan il-Ftehim, titħallas fuq *income* miksub minn għejjun fil-Malasja li kieku l-*income* ma jkunx ġie intaxxat b'rata mnaqqsa jew eżentat mit-taxxa tal-Malasja skond:

(a) l-*Income Tax Act, 1967* u l-*Promotion of Investment Act, 1986* daqskemm dawn kienu fis-seħħ fi, u ma ġewx modifikati mid-data meta jkun ġie ffirmat dan il-Ftehim jew ikunu ġew modifikati biss f'xi dettall minuri sabiex ma tintlaqatx ix-xorta ġenerali tagħhom; jew

(b) kull disposizzjoni oħra li tista' tkun sussegwentement imdaħħla fil-Malasja b'modifika jew b'żjieda mal-liġijiet li jeżistu dwar inċentivi speċjali sakemm dawn ikun hemm qbil dwarhom mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti bħala li jkunu ta' xorta sostanzjalment simili; u

(ċ) mgħax li għalih japplika l-paragrafu 3 ta' l-Artiklu 11 li kieku dak l-imgħax ma ġiex eżentat mit-taxxa tal-Malasja skond dak il-paragrafu.

5. Għall-finijiet tal-paragrafu 3, meta *royalties* miksuba minn residenti ta' Malta jkunu, bħall-kiri ta' films, soġġetti għad-dazju fuq il-kiri ta' films fotografiċi fil-Malasja, dak id-dazju għandu jitqies bħala taxxa tal-Malasja.

Artiklu 25

EBDA DISKRIMINAZZJONI

1. Iċ-ċittadini ta' Stat Kontraenti ma għandhomx jiġu soġġetti fl-Istat Kontraenti l-ieħor għal xi tassazzjoni jew ħtieġa konnessa ma' dan, li tkun diversa jew ta' iktar piż mit-tassazzjoni u ħtiġiet konnessi li għalihom iċittadini ta' dak l-Istat l-ieħor fl-istess ċirkostanzi huma jew jistgħu jkunu soġġetti.

2. L-intaxxar fuq stabbiliment permanenti li impriża ta' Stat Kontraenti jkollha fl-Istat Kontraenti l-ieħor ma għandux jingħabar inqas favorevolment f'dak Istat l-ieħor mit-tassazzjoni miġbura fuq impriżi ta' dak l-Istat l-ieħor li jkun qiegħed iwettaq l-istess attivitajiet.

3. Impriżi ta' Stat Kontraenti, li l-kapital tagħhom ikun għalkollox jew f'parti minnu proprjetà jew taħt il-kontroll, sew dirett sew mhux dirett, minn residenti wieħed jew iktar ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor, ma jkunux suġġetti fl-Istat l-ewwel imsemmi għal xi tassazzjoni jew ħtieġa konnessa ma' dan li tkun xort'oħra jew ta' iktar piż mit-tassazzjoni u ħtieġiet konnessi li għalihom ikun jew jistgħu jkunu soġġetti l-impriżi ta' dak l-ewwel imsemmi Stat.

4. Ebda ħaġa f'dan l-Artiklu ma għandha tiftiehem bħala li tobbliga:

(a) lil Stat Kontraenti li jagħti lil individwi li jkunu residenti fl-Istat Kontraenti l-ieħor xi *allowance* personali, ħelsien u tnaqqis għal finijiet ta' taxxa minħabba fi status ċivili, responsabbiltajiet familjari jew kull ċirkostanza personali oħra li soltu jagħti lir-residenti tiegħu stess;

(b) lil Malasja li tagħti lil ċittadini ta' Malta mhux residenti fil-Malasja kull tali *allowance* personali, ħelsien u tnaqqis għal finijiet ta' taxxa li huma skond il-liġi disponibbli fid-data meta jiġi ffirmat dan il-Ftehim biss lil ċittadini tal-Malasja li ma jkunux residenti fil-Malasja.

5. F'dan l-Artiklu, il-frażi "tassazzjoni" tfisser taxxi li dan il-Ftehim japplika għalihom.

Artiklu 26

PROĊEDURA GĦAL FTEHIM REĊIPROKU

1. Meta residenti ta' Stat Kontraenti jkun jidhirlu li l-azzjonijiet ta' xi wieħed jew taż-żewġ Stati Kontraenti jirriżultawlu jew jistgħu jirriżultawlu f'tassazzjoni li ma tkunx skond dan il-Ftehim, huwa jista', minkejja r-rimedji pprovduti bil-liġijiet ta' tassazzjoni ta' dawk l-Istati, jippreżenta l-każ tiegħu quddiem l-awtorità kompetenti ta' l-Istat li huwa jkun residenti fih jew, jekk il-każ tiegħu jkun jaqa' taħt il-paragrafu 1 ta' l-artiklu 25, lil dik ta' l-Istat li tiegħu huwa jkun ċittadin. Il-każ għandu jiġi ppreżentat fi żmien tliet snin minn l-ewwel avviż ta' l-azzjoni li tirriżulta f'intaxxar li ma jkunx skond il-provvedimenti ta' dan il-Ftehim.

2. L-awtorità kompetenti għandha tistħarreġ, jekk l-oġġezzjoni tkun tidher waħda ġustifikata u jekk hi nnifisha ma tkunx tista' tasal għal soluzzjoni adatta, li tirrisolvi l-każ bi ftehim reċiproku ma' l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor, bil-għan li tiġi evitata tassazzjoni li ma tkunx skond dan il-Ftehim. Meta jintlaħaq ftehim dan għandu jiġi implimentat minkejja kull terminu ta' żmien fil-liġi domestika ta' l- Stati Kontraenti.

3. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti għandhom jistħarrġu kif jirrisolvu permezz ta' ftehim reċiproku kull diffikultà jew dubbju li jista' jitnissel dwar l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim. Dawn jistgħu wkoll jikkonsultaw flimkien għall-eliminazzjoni ta' tassazzjoni doppja f'dawk il-każijiet li m'hemm xejn provdut dwarhom f'dan il-Ftehim.

4. L-awtoritajiet kompetenti ta' l- Stati Kontraenti jistgħu jikkomunikaw ma' xulxin direttament bil-għan li jilħqu ftehim fis-sens tal-paragrafi preċedenti.

Artiklu 27

SKAMBJU TA' INFORMAZZJONI

1. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti għandhom jiskambjaw dik l-informazzjoni li tista' tkun meħtieġa għat-twettiq ta' dan il-Ftehim għall-prevenzjoni jew il-kxif ta' evażjoni jew evitar ta' taxxi koperti b'dan il-Ftehim. Kull informazzjoni li tiġi hekk mibdula għandha tiġi ttrattata bħala waħda sigrieta u għandha tiġi żvelata biss lil persuni jew awtoritajiet (inkluża qorti jew awtorità ta' reviżjoni) involuti fl-istima, il-ġbir, l-infurzar jew il-prosekuzzjoni dwar, jew id-deċizjoni ta' appelli dwar it-taxxi li jaqgħu taħt dan il-Ftehim. Dawk il-persuni jew awtoritajiet għandhom jużaw dik l-informazzjoni biss għal dawk l-għanijiet. Huma jistgħu jiżvelaw l-informazzjoni fi proċeduri tal-qorti bil-miftuħ jew f'deċiżjonijiet ġudizzjarji.

2. F'ebda każ ma għandhom il-provvedimenti tal-paragrafu 1 jiftiehmu bħala li jimponu fuq Stat Kontraenti l-obbligu:

(a) li jwettaq miżuri amministrattivi li ma jkunux jaqblu mal-liġijiet jew mal-prattika amministrattiva ta' dak jew ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor;

(b) li jagħti partikolaritajiet li ma jkunux ottenibbli taħt il-liġijiet jew fil-kors normali ta' l-amministrazzjoni ta' dak jew ta' l-Istat l-ieħor;

(ċ) li jagħti informazzjoni li tikxef xi sigriet ta' sengħa, negozju, industrija, kummerċ jew professjoni jew proċess tal-kummerċ, jew informazzjoni, li meta tiġi żvelata din tkun tmur kontra l-ordni pubbliku.

Artiklu 28

PERSUNI DIPLOMATIĊI U UFFIĊJALI KONSULARI

Ebda ħaġa f'dan il-Ftehim ma għandha tolqot il-privileġġi fiskali ta' persuni diplomatiċi jew uffiċjali konsulari taħt ir-regoli ġenerali tad-dritt internazzjonali jew taħt il-provvedimenti ta' kull ftehim speċjali.

Artiklu 29

BIDU FIS-SEĦĦ

1. Il-Gvernijiet ta' l-Istati Kontraenti għandhom javżaw lil xulxin li jkunu ġew imħarsa l-ħtiġiet kostituzzjonali għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

2. Dan il-Ftehim għandu jibda jseħħ tletin jum wara d-data ta' l-aħħar mill-avviżi msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artiklu u d-disposizzjonijiet tiegħu jkollhom effett għar-rigward ta' taxxi għal xi sena ta' stima li tibda fi jew wara l-ewwel ta' Jannar fit-tieni sena kalendarja li tiġi wara s-sena meta l-Ftehim jibda jseħħ.

Artiklu 30

TERMINAZZJONI

Dan il-Ftehim għandu jibqa' jkollu effett għal żmien indefinittiv, imma Stat Kontraenti il-wieħed jew l-ieħor jista' jittermina l-Ftehim, permezz tal-kanali diplomatiċi, billi jagħti lill-Istat Kontraenti l-ieħor avviż bil-miktub tat-terminazzjoni fi jew qabel it-30 ta' Ġunju ta' xi sena kalendarja li tibda wara l-iskadenza ta' perjodu ta' ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. F'dik iċ-ċirkostanza, l-Ftehim għandu jtemm milli jibqa' jseħħ dwar taxxi għas-sena ta' stima li tibda fl-ewwel ta' Jannar fit-tieni sena kalendarja li tiġi minnufih wara s-sena meta jingħata l-avviż u għas-snin ta' stima li jiġu wara.

B'XIEHDA TA' DAN is-sottoskritti, awtorizzati kif imiss biex jagħmlu dan, mill-Gvernijiet rispettivi tagħhom, iffirmaw dan il-Ftehim.

MAGĦMUL f'Kingston, Ġamajka, illum 3 ta' Ottubru 1995, kull wieħed fl-ilsien Ingliż u fl-ilsien Bahasa Malaysia, iż-żewġ testi awtentiċi ndaqs.

Għall-Gvern tal-Malasja
Wong see Wah
Deputat Ministru tal-Finanzi

Għall-Gvern ta' Malta
John Dalli
Ministru tal-Finanzi

PROTOKOLL

(1) Fil-waqt ta' l-iffirmar tal-ftehim bejn il-Gvern tal-Malasja u l-Gvern ta' Malta għall-ħelsien mit-Taxxa u l-Prevenzjoni ta' l-Evażjoni Fiskali għar-rigward ta' Taxxi fuq l-*Income*, iż-żewġ Gvernijiet ftehmu li dawn id-disposizzjonijiet li ġejjin għandhom jifformaw parti integrali mill-Ftehim:

(2) Għar-rigward ta' Artiklu 7 dwar 'Profitti minn Negozju' :

Ebda ħaġa f' dan il-Ftehim ma għandha tolqot it-tħaddim ta' xi liġi ta' xi Stat Kontraenti dwar it-tassazzjoni ta' l-*income* jew il-profitti minn kummerċ ta' l-assigurazzjoni sakemm jekk il-liġi rilevanti li tkun fis-seħħ f'xi Stat Kontraenti l-wieħed jew l-ieħor tiġi emendata (xort'oħra milli f' xi dettall minuri hekk li ma jkunx jolqot ix-xorta ġenerali tagħha) l-Istati għandhom jikkonsultaw lil xulxin bil-għan li jaqblu dwar kull emenda li ssir f' dan il-paragrafu u li tista' tkun adatta.

(3) Għar-rigward ta' Artiklu 10 'Dividendi' :

Taħt il-liġi ta' Malta fis-seħħ, it-taxxa fuq l-*income* imħallsa minn kumpannija, bħalma jirreferi għal dik il-parti mill-profitti tagħha li titqassam bħala dividendi, hija assimilata mat-taxxa fuq l-*income* personali ta' l-azzjonist li jkun qed jirċievi dak id-dividend. Meta jkun għand l-azzjonist titħallas fuq id-dividend it-taxxa grossa u l-ammont ta' taxxa rilevanti, hekk assimilat, ssir tpaċija tiegħu kontra l-passiv tat-taxxa ta' l-azzjonist fuq l-*income* tiegħu minn kull għajn li fuqha titħallas it-taxxa.

(4) Għar-rigward paragrafu 4 ta' Artiklu 13 'Drittijiet Tekniċi' qiegħed jiftiehem li fejn paragrafu 1 (a) jew (b) ta' Artiklu 15 japplika, għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' Artiklu 15.

B'XIEHDA TA' DAN is-sottoskritti, awtorizzati kif imiss biex jagħmlu dan, mill-Gvernijiet rispettivi tagħhom, iffirmaw dan il-Ftehim.

MAGĦMUL f'Kingston, Ġamajka, illum 3 ta' Ottubru 1995, kull wieħed fl-ilsien Ingliż u fl-ilsien Bahasa Malaysia, iż-żewġ testi awtentiċi ndaqs.

Għall-Gvern tal-Malasja
Wong see Wah
Deputat Ministru tal-Finanzi

Għall-Gvern ta' Malta
John Dalli
Ministru tal-Finanzi